Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Numru. 447/2011

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Borg)
vs
Clyde Cutajar, iben Renald, imwieled Pieta’ fil-5 ta’ Ġunju, 1992, Karta ta’ l-Identita numru 281792(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat:
a. talli fl-4 ta’ Marzu, 2011, għal ħabta tal-5.30 p.m., fil-waqt li kien ġewwa l-klabb tar-regatta ta’ Bormla, li jinsab f’Xatt ir-Risq, Bormla, ikkaġuna ġrieħi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ David Aquilina minn Bormla, liema ferita ġġib debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-ġisem, jew difett permanenti f’parti tal-għamla tal-ġisem jew iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, skont kif iċċertifikat minn Dr. Diana Balzan M.D. miċ-Ċentru tas-Saħħa ta’ Raħal Ġdid;

b.	talli fl-istess data, ħin u lok ħebb kontra l-persuna ta' David Aquilina sabiex jiġurja jew jagħmel ħsara lill-istess;
c.	talli fl-istess data, ħin u lok inġurja u hedded lil David Aquilina;
d.	talli fl-istess data, ħin u lok qal fil-pubbliku kliem oxxen u indeċenti;
e.	talli fl-istess data, ħin u lok volontarjament kiser il-bon ordni u il-kwiet tal-pubbliku.
Il-Qorti ġiet mitluba li tapplika l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.
Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-5 ta' Lulju, 2011 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a.	fl-artikoli 214, 215, 216(1)(a), 216(1)(b) u 216(2) tal-Kodiċi Kriminali;
b.	fl-artikoli 338(bb)(dd) u 339(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali; u
c.	fl-artikoli 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Lulju, 2011 fefjn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Lulju, 2011 fejn David Aquilina ħafer lill-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Lulju, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 214, 215, 216(1)(a),

338(bb)(dd) u 339(1)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.  Minbarra dan, tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitt euro (€100).  Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 u 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------